31994D0294

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-17 ta' Mejju 1994
Rigward il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili fuq l-importazzjoni tat-tuffieħ u l-lanġas fil-Komunità

(94/294/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu flimkien ma'l-ewwel sentenza ta'l-Artikolu 228(2), u l-Artikolu 28 tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 fuq l-organizzazzjonijiet komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix [1],

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Billir-Repubblika taċ-Ċili ħadet azzjoni fil-GATT oltre l-applikazzjoni mill-Komunità Ewropea ta' miżuri tat-tariffa fil-forma ta' imposti kontrovalenti fuq l-importazzjoni tat-tuffieħ, b'applikazzjoni ta'l-Artikoli 24, 25 u 26 tar-Regolamenti tal-Kunsill(KEE) Nru 1035/72;

Billi l-Komunità u ċ-Ċili daħlu għal diskussjonijiet bil-għan li jsolvu din il-kwistjoni u oħrajn kif relatati mal-konklużjoni tas-sensiela tal-GATT ta'l-Urugwaj;

Billi dawk id-diskussjonijiet irriżultaw fi Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri; billi huwa fl-interess tal-Komunità li tapprova l-imsemmi Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan il-ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili fuq l-importazzjoni tat-tuffieħ u l-lanġas fil-Komunità f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qiegħed b'hekk jiġi awtorizzat li jinnomina l-persuna bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim biex torbot lill-Komunità.

Artikolu 3

Din id-Deċizjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Mejju 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

Th. PANGALOS

[1] ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3669/93 (ĠU L 338, tal-31.12.1993, p. 26).